MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tat-30 ta' Marzu, 2007

Citazzjoni Numru. 651/2003

**Stefan Agius**
**vs**
**Keith Grech**

**Il-Qorti**

**Preliminari**

Rat l-**atti tac-citazzjoni** li permezz taghha l-attur ippremetta illi:

PREMESS illi fid-9 ta' Settembru, 2001, fi Triq Regjonali l-Gzira, waqt illi l-konvenut Keith Grech kien qieghed isuq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni IAA-447 ta' l-ghamla Ford Escort, huwa habat mal-mutur bin-numru tar-

registrazzjoni RUX-013 ta' l-ghamla Suzuki Intruder, liema mutur kien misjuq mill-attur Stefan Agius;

U PREMESS illi ghal dan l-incident kien unikament responsabbli l-konvenut Keith Grech u dana billi waqt illi l-attur kien qieghed bil-qieghda fuq il-mutur li kien ipparkjat mal-genb tat-triq, il-konvenut habat mal-mutur u dan kif sejjer jigi spjegat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

U PREMESS illi f'dan l-incident, l-attur Stefan Agius sofra feriti ta' natura gravi u b'hekk l-attur sofra dizabilita permanenti ta' 10% kif jirrizulta mic-certifikat tal-Konsulent Mr. Charles J. Grixti hawn anness u mmarkat bhala Dok. SA 1;

U PREMESS illi qabel dan l-incident, l-attur kien applika sabiex jidhol fil-Korp tal-Pulizija u fil-fatt kien ghadda mill-*Interview* u kien beda jattendi l-kors ta' Kuntistabbli *Trainee* fl-Akkademja tal-Pulizija, izda minhabba l-incident tad-9 ta' Settembru 2001 fejn l-attur sofra dizabilita' permanenti, l-attur twaqqaf milli jkompli jattendi dan il-kors;

U PREMESS illi l-konvenut gie nterpellat sabiex jaghmel tajjeb ghad-danni sofferti mill-attur b'rizultat ta' l-incident imsemmi izda minkejja dan, huwa baqa' inadempjenti;

JGHID ghalhekk il-konvenut, il-ghaliex din l-Onorabbli Qorti prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna, m'ghandhiex:

1. TIDDIKJARA li l-incident tat-traffiku li sehh fid-9 ta' Settembru, 2001, hawn fuq riferit, sehh unikament minhabba traskuragni, mperizja u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut;

2. TILLIKWIDA d-danni sofferti mill-attur a kawza ta' dan l-incident, okkorrendo bin-nomina ta' periti nominandi;

3. TIKKUNDANNA lill-konvenut sabiex fi zmien qasir u perentorju ihallas lill-attur is-somma hekk likwidata;

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 7 ta' Frar 2003, u kif ukoll ta' l-ittra ufficjali prezentata kontestwalment kontra l-assikurazzjoni Elmo Insurance Agency Ltd. a fini tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-imghaxijiet mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-Dikjarazzjoni ta' l-attur a fol. 3 tal-process.

Rat in-**Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenut** a fol. 13 tal-process fejn eccepixxa:

1. L-ewwel talba tal-attur ghandha tkun respinta billi l-eccipjent ma kienx involut f'incident awtomobilistiku fejn allegatament korra l-attur. Lanqas ma kien dan il-korriment imputabbli ghal xi htija jew nuqqas da parti tal-eccipjent.

2. Ghalhekk it-tieni talba tal-attur ghandha tkun michuda billi ma hemmx danni x'jigu likwidati favur l-attur.

3. Isegwi li anke t-tielet talba ghandha tkun rigettata stante li l-eccipjent m' ghandux ikun ikkundannat ihallas danni lill-attur.

4. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Rat id-digriet a fol. 78;

Rat ir-relazzjoni ta' Mr. Charles Grixti a fol. 105;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat in-noti tal-partijiet;

**Talba u kontestazzjoni**

L-attur qed jitlob li l-konvenut jigi dikjarat responsabbili ghall habta li grat fid 9 ta’ Settembru 2001 fi Triq Regjonali, Gzira, u ghad-danni li hu sofra f’dan l-incident.

Il-konvenut wiegeb li hu ma kienx involut f’dan l-incident fejn allegatament korra l-attur, u ghalhekk m’ghandu jwiegeb ghal ebda danni.

**PROVI**

Meta xehed fil-Qorti, l-konvenut qal li kien ghaddej fuq il-*lane* ta’ barra jxaqleb lejn in-nofs. Ra l-mutur u zewg persuni. Kif rah il-mutur zamm il-brake, pero’ l-karozza tieghu skiddjat u ghaddiet minn fuq il-mutur. Dak il-hin mar magemb dawn iz-zewg persuni u l-attur beda jghidlu “Ara x’ghamiltli” u jsostni li kien intlaqat. Il-konvenut insista li hu kien jaf li laqat il-mutur imma mhux lill dik il-persuna. Hu ma jiftakarx b’liema *speed* kien ghaddej u kkonferma l-iskid *marks* fuq l-iskizz huma tieghu.

Skond l-okkorrenza hemm li l-konvenut kien qal:

*“I was proceeding downhill from Regional Road near Kappara Service Station on the inner lane and I saw something in the road, hit it and stopped and saw a motorcycle and a person lying on the ground. I asked this person if he was Ok and he told me that his leg was hurting”.*

Fil-*Police version of events* – hemm ukoll li l-konvenut kien qal li ma laqatx lill dik il-persuna.

Dak li qal l-attur lis-Surgent hu wkoll imnizzel fl-okkorrenza. Is-Surgent kiteb li l-attur qallu:

*“He was parked on the side of the road beside the crash barrier sitting on the motorcycle talking to his girlfriend and all of a sudden a car hit him and the motorcycle. The road was slippery as it was raining lightly at the moment of the incident”.*

Fil-Qorti l-attur tah l-istess versjoni ghalkemm b'aktar dettal. Hu qal li kien wieqaf fil-gemb tat-triq mal-*crash barrier* bil-mutur flimkien ma' Nadia Cassar, u f'daqqa wahda qala daqqa bis-sahha fuq wara ta' siequ l-leminija, waqa' ma' l-art ghal darhu bil-mutur jispicca fuqu. Il-vettura laqtitu bi zbrixx bil-*headlamp* taghha. Dak il-hin ra l-vettura li laqtitu (tal-konvenut) tibbrekja u tieqaf aktar l-isfel fil-*lane* ta' mal-hajt fejn il-Petrol Station. Il-konvenut nizel mill-vettura u beda jghajjat mieghu li ma kienx tajru. Dak il-hin hu qabad il-*hubcup* li kienet waqghet mill-vettura tal-konvenut u qallu mela din ta' min hi, izda l-konvenut ma tahx kasu. Dak il-hin waqaf *taxi driver* u certu Pierre Scerri jaghtuh l-ghajnuna u l-konvenut qabad u saq min fuq il-post qabel waslu l-pulizija.

Nadia Cassar, l-gharusa ta' l-attur li kienet mieghu meta gara l-*accident*, ikkonfermat dak li qal l-attur u xehdet dwar kif gara l-incident li hija ratu jigri. Hi tghid testwalment li wara li l-attur waqqafha fejn il-Petrol Station:

*"Jien inzilt mil-mutur u niftakar li l-attur baqa' fuq il-mutur, u waqt li jien kont bil-wieqfa bejn il-mutur u l-crash barrier, jien hu nghid bye lil Stefan, rajt vettura gejja mid-direzzjoni ta' San Giljian, li kienet qed tinsaq fuq l-outer lane u ma nafx ghal liema raguni, din il-vettura bdiet tikser ghal go fina u dak il-hin jien kont ghidt lill attur 'gejja ghal fuqna'.*

Ziedet tghid li billi kollox gara hin ta' sekondi ma kellhomx cans li jersqu qabel il-habta, u l-attur intlaqat meta kien ghadu fuq il-mutur.

Pierre Scerri xehed li kien nizel jaghti l-ghajnuna lill attur flimkien ma' persuna ohra tat-taxi. Hu ra lill-konvenut jigbor bicciet tal-*bumper* li waqghu mill-karozza tieghu mal-habta, tefaghhom fil-karozza, riekeb u telaq minn fuq il-post, u dan minkejja li tat-taxi beda jghidlu biex ma jitlaqx. Hu kien hadlu n-numru tal-vettura u tah lill Pulizija.

## KONSIDERAZZJONIJIET

F'materja ta' kollizzjonijiet principalment l-attur irid jipprova li l-incident awtomobilistiku in kwistjoni jkun gara b'tort tal-konvenut.

Kif amplifikat fis-sentenza fl-ismijiet "Moira Galea -vs- Michael Zerafa", Appell, 6 ta' Ottubru 2000:

*"Fir-rikostruzzjoni tad-dinamika ta' l-incident jassumu rilevanza, spiss determinanti, b'provi cirkostanzjali, materjali u fattwali li jaghtu piz korroborattiv lill-versjoni u mhux lill-ohra u li allura jirrendu verzjoni aktar kredibbli u attendibbli mill-ohra. Elementi ta' prova dawn, li proprju ghaliex newtri, oggettivi u mill-fonti indipendenti, spiss iwasslu l-gudikant biex jirrisolvi l-vertenza indipendentement mill-versjonijiet konfliggenti tal-partijiet f'kazijiet fejn dawn ikunu mtappna jew minn interess jew mill-impressjonijiet zbaljati u konfuzi ta' kif ikun sehh l-incident jew sempliciment ghaliex dan isir f'salt tant li s-sewwieq ma jkunx verament irrealizza x'ikun gara".*

Fil-kaz in ezami l-Qorti m'ghandiex dubbju li l-incident gara kif xehdu l-attur u Nadia Cassar u bil-provi li ressaq l-attur irnexxilu jipprova li l-incident gara unikament tort tal-konvenut.

Jirrizulta mhux kontestat li meta gara l-incident, l-attur, Nadia Cassar u l-mutur kienu weqfin fuq il-gemb tat-triq u ma kienux qed isuqu.

Min naha l-ohra jirrizulta li l-konvenut kien ghaddej b'certu *speed* – (hu halla 29 metru u nofs *skidmarks*) li ghalkemm entro fil-limiti regolamentari, fic-cirkostanzi tal-lok u tal-hin in ezami, dan kien sewqan bi *speed* imprudenti. Dan ghaliex il-konvenut kien qed jimmanuvra karozza f'nizla, meta kienet qed tqattar ix-xita u fejn kien hemm liwja. Tant li meta l-konvenut ra il-mutur ta' l-attur u lill attur u lill

Cassar hu bbrekja, izda skiddja u laqat il-mutur, kif ukoll lill-attur li kien qieghed fuq l-istess mutur magemb l-gharusa.

Gie ritenut mill-Qrati taghna li f'materja ta' skid il-principju regolatur ma jistax hlief ikun li skid wahdu la hu prova ta' negligenza u lanqas skriminanti. Hemm bzonn li jigi ndagat jekk kienx hemm xi negligenza antecedenti jew konkomitanti. Jekk negligenza simili tirrizulta, allura hemm ir-responsabilita' nonostante li skid. Jekk ma tirrizultax, allura li skid hija difiza, ghax tkun *inevitable accident*. Ghaldaqstant biex d-difiza ta' skid tirnexxi jehtieg li d-*driver* jipprova mhux biss li skid kienet dovuta ghall-art tizloq, imma wkoll li l-skid saret bl-ebda tort tieghu u li huwa jkun ha l-prekawzjonijiet kollha li ghandu jiehu *driver* prudenti meta l-art tkun tizloq (Pul vs C. Cachia Vol 37 p4 p 920).

Gie wkoll ritenut in subjecta materia li meta tissuccedi kollizzjoni minhabba li wahda mill-vetturi tkun skiddjat id-*driver* tal-karozza jkun responsabbili jekk ma jagharafx jaghmel il-manuvra mehtiega biex jevita u jnaqqas l-iskiddjar meta kellu zmien li jaghmel dan u jkun aktar responsabbili jekk jaghmel xi manuvra li taggrava li skid (Vol 37 p4 p873).

Il-paragrafu 107 tal Highway Code jikkonsilja hekk:

"*Never drive at such a speed that you cannot pull up within the distance that you can see to be clear. Remember that your visibility is reduced at corners and over the crest of hills and that your braking distance is greater downhill or when the road is wet or slippery*”.

Fil-kaz in ezami jirrizulta li l-konvenut ma kienx qed isuq b’mod prudenti fic-cirkostanzi, u kien is-sewqan tal-konvenut li ma hax il-prekawzjonijiet kollha li *driver* prudenti ghandu jiehu meta l-art tkun tizloq, li kkawza l-incident.

Il-konvenut mhux qed ighid li ma laqatx il-mutur ta’ l-attur imma li ma laqatx lill-attur. Izda mill-provi prodotti jirrizulta

li l-konvenut kien laqat lill attur li kien fuq il-mutur u meta laqtu dana waqa bil-mutur fuqu. Il-konvenut ma setghax jolqot il-mutur biss meta fil-fatt jirrizulta li l-attur kien qieghed fuq il-mutur, u li meta qala d-daqqa waqa' bil-mutur b'kollox fuqu.  Il-konvenut hekk sab lill attur fuq il-post, u sabu mwegga'.

Dan gie konfermat ukoll mix-xhieda ta' Nadia Cassar li kienet fejn l-attur, meta gara l-incident, u rat il-karozza tal-konvenut tolqot lill-attur. Tirrizulta ukoll mix-xhieda ta' l-istess attur, kemm dik li ta fil-Qorti kif ukoll li tah *a tempo vergine* lis-Surgent fuq il-post dak il-hin ta' l-incident.

Xhieda ohra rawh lill konvenut jigbor biccijiet mill-karozza tieghu li kienu waqghu bid-daqqa,  jitfahhom fil-karozza u jitlaq min fuq il-post qabel ma waslu l-pulizija u ghalkemm qalulu biex ma jitlaqx minn hemm.

Ghalhekk il-Qorti tikkonkludi li l-incident gara unikament tort tal-konvenut,  li baqa' diehel fl-attur li kien wieqaf riekeb il-mutur tieghu fil-gemb tat-triq u dan meta l-konvenut minhabba sewqan imprudent skiddja u laqtu.

**Danni**

Dwar il-kwantum, hu principju li "in tema ta' kompensazzjoni ta' danni l-attur ghandu kemm jista' jkun jigi mqieghed fil-posizzjoni li hu kien ikollu kieku ma gietx kagjonata l-hsara" ("John Tufigno –vs- Joseph Micallef noe", Appell Civili, 23 ta' April 1965).

**Damnum Emergens**

Dwar dawn id-danni l-konvenut irrimetta ruhu ghall-provi li l-attur ressaq biex jiddokumentaw it-telf attwali li hu garrab.

L-attur talab l-ammont ta' Lm843.60 (ara fol 117 u fol 94/5). Dan l-ahhar jidher li hu gustifikat u ma giex kontestat.

**Lucrum Cessans**

L-attur talab is-somma ta’ Lm1,578 bhala *lucrum cessans* mahdum kif tidher fit-tieni nota ta’ l-attur a fol 117 tal-process.

Il-konvenut l-ewwelnett mhux qed jaqbel li ghandha ssir likwidazzjoni ta’ *lucrum cessans* a bazi ta’ ekwazzjoni skond is-sentenza “Butler vs Heard” kif aggustata skond sentenza recenti ta’ dawn il-Qrati billi skond il-konvenut l-persentagg huwa tant zghir li mhux realistiku li ssir riferenza ghall-introjtu ta’ l-attur imma ghandha ssir likwidazzjoni ‘*arbitrio boni viri’*.

Il-Qorti hi tal-fehma li f’certi kazijiet jista’ jkun aktar opportun li jigi liwkidat l-*lucrum cessans* b’dan l-ahhar mod izda fil-kaz in ezami l-Qorti thoss li t-telf li sofra l-attur ghandu jinhadem skond il-kalkolazzjoni fuq l-introjtu ta’ l-attur u dan tikkunsidra li l-percentagg ta’ disabilita’ nizel minn 10% ghal 1% (li l-attur accetta) ghar-raguni li semma l-espert mediku. Fl-istess waqt pero’ jirrizulta ukoll li l-attur ghadu jbati l-konsegwenzi ta’ dan l-incident u d-disabilita’ li sofra tincidi fuq xogholu.

Il-konvenut jaqbel li d-dhul gross ta’ Lm4,746 indikat mill-attur hu accettabbili.

Il-konvenut pero’ ma jaqbilx li l-*multiplier* ghandu jkun wiehed ta’ 35 sena cjoe sal eta’ ta’ 63 sena stante li fid-data ta’ l-incident l-attur kellu 28 sena. Hu ssuggerixxa li dan m’ghandux ikun ta’ aktar minn 30 sena.

Il-Qorti taqbel li n-numru ta’ snin adottat bhala *multiplier* m’ghandux ikun bazat fuq l-aspettativa tal-hajja in generali tad-danneggjat izda fuq l-aspettativa tal-hajja lavorattiva tieghu u li ghandhom jittiehdu in konsiderazzjoni ic-*chances and changes* tal-hajja. Fil-hajja, hadd m’ghandhu assikurazzjoni ta’ xoghol, u ta’ xoghol sa’ eta’ penzjonabbili.

Ghalhekk konsidrat il-fatt li l-eta’ tal-pensjoni tista’ xi darba ssir ta’ 65 sena u konsidrati l-avvanzi fil-kamp tal-

medicina, imma fl-istess hin meta jittiehdu in konsiderazzjoni c-*chances* u *changes* fil-hajja l-Qorti hi tal-fehma li l-*multiplier* f'dan il-kaz ghandu jkun ta' 33 sena.

Fl-ahharnett il-konvenut jghid li r-riduzzjoni ghal *lump sum payment* m'ghandhiex tkun ta' anqas minn 18%.

Illi dwar il-*lump sum* jinghad illi fil-kawza fl-ismijiet "**Paul Xuereb noe vs Emanuel Xuereb pro et noe.**" (P.A. (JSP) deciza minn din il-Qorti fil-5 ta' Ottubru 1995) intqal:

*"Fir-rigward tar-riduzzjoni ghall-'lump sum payment' il-Qorti, fl-iskorta ta' decizjonijiet ohra moghtija minnha kif presjeduta, jidhrilha li ... ma ghandu jsir l-ebda tnaqqis fil-persentagg solitu ta' 20 fil-mija ghall-'lump sum payment' jekk ma jkunux ghaddew aktar minn tlett snin mid-data tal-prezentata tac-citazzjoni u jekk ikun ghadda dan il-perijodu allura ghandu jsir tnaqqis ta' 2% ghal kull sena minn dik id-data".*

Fil-kaz in ezami l-incident gara f'Settembru 2001 u l-kawza giet prezentata f' Gunju 2003, u ser tinqata' fl-ewwel istanza kwazi erba' snin wara li giet prezentata. Ghalhekk fic-cirkostanzi ghandha ssir riduzzjoni ta' 12%.

4746 x 33 x 1= 1378.24
100

**Riepilogu**

| | |
|---|---|
| Damnum Emergens | Lm 843.60 |
| Lucrum Cessans | Lm1,378.24 |
| **Total** | **Lm2,221.84** |

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
Il-Qorti tiddeciedi
Billi tilqa' t-talbiet ta' l-attur u

tiddikjara li l-incident tat-traffiku li sehh fid-9 ta’ Settembru, 2001 gara unikament minhabba traskuragni, mperizja u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut;
tillikwida d-danni sofferti mill-attur a kawza ta’ dan l-incident fl-ammont ta’ elfejn, mitejn u wiehed u ghxrin lira Maltin u erbgha u tmenin centezmi (Lm2,221.84) ;
tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attur is-somma hekk likwidata.
Bl-ispejjez kontra l-konvenut u bl-imghax mid-data tas-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------